**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 42**
**L-Erbgħa, 2 ta' Novembru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**PROFESSJONI TAL-COUNSELLING – ELENKU TA' PROFESSJONIJIET KOMPLIMENTARI**

**2046. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti iktar informazzjoni dwar ir-raġunijiet li għalihom il-Professjoni tal-'Counselling' tħalliet barra mill-elenku ta' professjonijiet komplimentari għal dik tal-mediċina, peress li din is-sitwazzjoni qed tpoġġi lill-professjonisti inkwistjoni f'qagħda li ma tikkumparax ma' oħrajn li jagħmlu xogħol simili u għalhekk huma obbligati li joħorġu rċevuta tal-VAT għax-xogħol tagħhom?

28/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari numru 1837.

Seduta 42
02/11/2022

**PROFESSJONI TAL-COUNSELLING – ELENKU TA' PROFESSJONIJIET KOMPLIMENTARI**

**2047. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti iktar informazzjoni dwar ir-raġunijiet li għalihom il-Professjoni tal-'Counselling' tħalliet barra mill-elenku ta' professjonijiet komplimentari għal dik tal-mediċina, peress li din is-sitwazzjoni qed tpoġġi lill-professjonisti inkwistjoni f'qagħda li ma tikkumparax ma' oħrajn li jagħmlu xogħol simili u għalhekk huma obbligati li joħorġu rċevuta tal-VAT għax-xogħol tagħhom?

28/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari numru 1837 u numru 1839.

Seduta 42
02/11/2022

**DIRETTURI, KONSULENTI JEW IMPJEGATI OĦRA LI QEGĦDIN INGAĠĠATI MAL-MALTA MEDAIR U AIR MALTA**

**2048. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk hemmx diretturi, konsulenti jew impjegati oħra li qegħdin mal-Malta MedAir u fl-istess ħin huma wkoll impjegati mal-Air Malta?

28/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-preżent hemm żewġ persuni illi jipprovdu xi xogħol lill-Malta MedAir u lill-Air Malta.

Seduta 42
02/11/2022

**BAJJIET DOG FRIENDLY**

**2049. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Ministeru hux qed jaħdem biex jinħolqu aktar bajjiet "Dog Friendly"? Jekk iva, fejn u meta? Jekk le, għaliex?

28/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellent jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 42
02/11/2022

**KONFEDERAZZJONI TAL-GĦAQDIET - UNION**

**2050. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk hemmx xi intenzjoni li l-konfederazzjoni tal-għaqdiet issir Union reġistrata? Jekk le għaliex u jekk iva meta?

28/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill Onor. Interpellant li l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jistipula li trade unions ikunu reġistrati. L-Att ma jikkontemplax li konfederazzjonijiet ta' trade unions ikunu reġistrati. Wieħed irrid jinnota wkoll li dawn il-konfederazzjonijiet ikunu magħmula minn trade unions li huma nnifishom ikunu reġistrati skont l-Att.

Seduta 42
02/11/2022

**PROFESSJONI TAL-COUNSELLING – ELENKU TA' PROFESSJONIJIET KOMPLIMENTARI**

**2051. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti iktar informazzjoni dwar ir-raġunijiet li għalihom il-Professjoni tal-'Counselling' tħalliet barra mill-elenku ta' professjonijiet komplimentari għal dik tal-mediċina, peress li din is-sitwazzjoni qed tpoġġi lill-professjonisti inkwistjoni f'qagħda li ma tikkumparax ma' oħrajn li jagħmlu xogħol simili u għalhekk huma obbligati li joħorġu rċevuta tal-VAT għax-xogħol tagħhom?

28/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 42
02/11/2022

**INFIQ FUQ GAMBLING**

**2153. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1150 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 730 jista' l-Ministru jindika kemm intefqu flus fil-gambling matul is-sena 2020 u s-sena l-oħra?

04/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtoritajiet ma jkollhomx viżibbiltà tal-logħob kollu li jsir f'Malta taħt liċenzji maħruġa minn ġuriżdizzjonijiet barranin. Il-Fondazzjoni għal-Logħob Responsabbli kkummissjonat riċerka bħala parti mill-proġett iffinanzjat b'fondi Ewropej magħruf bħala "Take Action Against Problem Gambling in Malta". Din ir-riċerka ġiet ippubblikata lura fl-2019 u tista' tiġi aċċessata mill-pubbliku minn fuq is-sit tal-Fondazzjoni. Il-Fondazzjoni tinsab għaddejja b'ħidma sabiex tali riċerka tkun aġġornata kull sentejn u tibqa' rikorrenti.

Seduta 42
02/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**2154. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1632 u jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

04/07/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-PQ2163.

Seduta 42
02/11/2022

**AWTORITÀ TAD-DJAR - ĦADDIEMA**

**2155. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1357 u jgħid kemm hemm ħaddiema fl-Awtorità tad-Djar li daħlu mill-2017 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din id-domanda u kemm minnhom ingħataw post ġdid jew post alternattiv?

04/07/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Nru 1804.

Seduta 42
02/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**2156. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsiija parlamentari 1631 u jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

04/07/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Infurmat li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħti ta' spiss jagħmlu materjal informattiv fuq il-midja kemm bħala reklamar, kif ukoll bħala slots informattivi. Dan bil-għan li l-pubbliku jkun mgħarraf bl-attivitajiet/inizjattivi li jittieħdu.

Infurmat li t-tagħrif mitlub għall-perjodu ta' ħames snin hu ONE Productions (Espresso): €4,590.

Seduta 42
02/11/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**2157. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1630 u jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

04/07/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 2166.

Seduta 42
02/11/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - XOGĦLIJIET MINN KUMPANIJA**

**2158. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1469 u jelenka, jekk hu l-każ, kull direct order jew simili, taħt kwalsiasi kappa jew isem, li kwalsiasi entità taħtu tat lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament fl-2019 u fl-2020? Għal kull każ, jista' jagħti l-ammont ta' ħlas u r-raġuni ta' dak ix-xogħol?

04/07/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru li tiegħu jiena responsabbli ma taw l-ebda direct order jew xogħol lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qedjingħataw b'mod separat, fil-perjodu msemmi minnu.

Seduta 42
02/11/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - ADVISORS**

**2636. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarjaru Parlametari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-Segretarju Parlamentari għandu impjegat erbgħa (4) advisors fuq bażi part-time, tnejn jiġu mħallsa skont skala 7, wieħed skont skala 3 u wieħed skont skala 5.

Seduta 42
02/11/2022

**FSWS – LISTA TAL-UFFIĊJALI KOLLHA**

**2796. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2559 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-uffiċjali kollha minn manager 'il fuq (sas-CEO) tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) u l-Aġenziji li jaqgħu taħt l-FSWS, bid-dettalji tar-responsabiltajiet tagħhom u l-pakkett sħiħ ta' kull uffiċjal?

05/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 42
02/11/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2797. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2562 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

05/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li hemm persuna waħda f'dawn l-vesti li hi Chairperson Eżekuttiv ta' entità u li hija 'l fuq mill-età tal-irtirar.

Seduta 42
02/11/2022

**MINISTER GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2814. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2564 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

05/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li m'hemmx persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar.

Seduta 42
02/11/2022

**RAĦAL ĠDID - PJAZZA ANTOINE DE PAULE – RAPPORT TEKNIKU DWAR ĦSARAT U XOGĦLIJIET**

**2928. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 1390, 1657 u 2056, jista' l-Ministru jippreżenta r-rapport relattiv li qiegħed jiġi skrutinizzat fir-rigward tax-xogħlijiet fi Pjazza Antoine de Paule, Raħal Ġdid?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'dan l-istadju qed issir ħidma id f'id ma' entitajiet oħra biex isiru interventi neċessarji.

Seduta 42
02/11/2022

**ŻEJTUN – BDIEWA FULL-TIME U PART-TIME**

**2929. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1663 u 2060 u jindika kemm kien hemm bdiewa residenti ż-Żejtun irreġistrati full-time u part-time tul dawn l-aħħar għaxar snin u possibbilment sena b'sena, maqsuma skont is-sess?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 42
02/11/2022

**ĦAL GĦAXAQ – BDIEWA FULL-TIME U PART-TIME**

**2930. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Mnistru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1664 u 2061 u jindika kemm kien hemm bdiewa residenti Ħal Għaxaq irreġistrati full-time u part-time tul dawn l-aħħar għaxar snin u possibbilment sena b'sena, maqsuma skont is-sess?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 42
02/11/2022

**XATT TAX-XGĦAJRA – XOGĦLIJIET**

**2931. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jara li jsiru t-tiswijiet neċessarji fl-ilqugħ tal-ħadid li hemm fix-Xatt tax-Xgħajra peress li partijiet minnu huma msadda sew?

11/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li d-Dipartiment tax-Xogħljiet Pubbliċi għaddej bil-preparamenti meħtieġa sabiex tibda t-tiswija jew il-bdil tal-puġġaman tal-ħadid li hemm fix-Xatt tax-Xgħajra.

Seduta 42
02/11/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**3042. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2577 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

13/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm persuna waħda li waslet għall-eta tal-irtirar. Madanakollu l-kuntratt jiġi fi tmiemu fis-sena 2026.

Seduta 42
02/11/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**3164. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2588 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

18/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' adivsors mitluba minnu.

Seduta 42
02/11/2022

**BAJJA TA' FRA BEN – LIĊENZJA GĦALL-KIRI TA' UMBRELEL U DECKCHAIRS**

**3253. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2851 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2196, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-liċenzja sabiex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-Bajja ta' Fra Ben?

20/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellanta hija ta' natura kummerċjali sensittiva u għaldaqstant ma tistax tingħata.

Seduta 42
02/11/2022

**BAJJA TAR-RAMLA - LIĊENZJI**

**3254. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2852 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2198, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-liċenzji sabiex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tar-Ramla?

20/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellanta hija ta' natura kummerċjali sensittiva u għaldaqstant ma tistax tingħata.

Seduta 42
02/11/2022

**BAJJA TAR-RAMLA - ENCROACHMENT**

**3255. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2853 u ċjoè: B'referenza ghat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2197, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-encroachment mil-Lands li hemm fit-triq li tagħti għall-bajja tar-Ramla?

20/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba hija waħda interna tal-Awtorità tal-Artijiet u għaldaqstant ma jkunx opportun li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Madankollu l-Onor. Interpellanta, li hi membru fuq il-bord tal-Awtorità tal-Artijiet, se tingħata ċ-ċans li tara hi personalment id-dokument mitlub.

Seduta 42
02/11/2022

**KEMMUNA – KUNTRATTI TA' KIRJIET TA' SITI FIL-BAJJIET**

**3256. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2854 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2212, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratti li permezz tagħhom is-siti ġewwa l-Bajjiet ta' Santa Marija u Blue Lagoon f'Kemmuna, ġew mikrija lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu?

20/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba hija waħda interna tal-Awtorità tal-Artijiet u għaldaqstant ma jkunx opportun li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Madankollu l-Onor. Interpellanta, li hi membru fuq il-bord tal-Awtorità tal-Artijiet, se tingħata ċ-ċans li tara hi personalment id-dokument mitlub.

Seduta 42
02/11/2022

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS**

**3257. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2855 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2211, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-beach concessions fil-bajjiet ta' Kemmuna?

20/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellanta hija ta' natura kummerċjali sensittiva u għaldaqstant ma tistax tingħata.

Seduta 42
02/11/2022

**IMTARFA ĊENTRU TERAPEWTIKU**

**3275. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet tal-Gvern fuq il-propost ċentru terapewtiku għall-minuri bi problemi ta' mġiba fl-Imtarfa? Jista' jgħid ma' min saru konsultazzjonijiet s'issa, u jispjega r-raġunijiet li abbażi tagħhom intgħażlet l-art fl-Imtarfa biex isir il-proġett?

20/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi hija l-intenzjoni tal-Gvern illi isir dan iċ-ċentru.

Il-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta wkoll jaħseb għal dan.

Is-sit tal-l-Imtarfa huwa proprjetà tal-Gvern u ġie kkunsidrat flimkien ma' siti oħra, li huma wkoll proprjetà tal-Gvern.

Seduta 42
02/11/2022

**REWS - CEO**

**3306. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tenut kont tal-enfażi fl-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Kap. 545, dwar l-indipendenza tar-REWS mill-Gvern (artikolu 3 tal-Kap. 545) u b'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2425, tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni għalfejn is-CEO tar-REWS għandu jkompli jiġi maħtur mill-Ministru u mhux mill-Bord tar-REWS l-aktar meta l-istess liġi b'mod ċar tesiġi li s-CEO jwieġeb lill-Bord tar-REWS għall-ħidma tiegħu (artikolu 6 tal-Kap. 545)?

24/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-liġi hija ċara f'dan ir-rigward.

Seduta 42
02/11/2022

**SANNAT, GĦAWDEX– TRIQ SANNAT - ZEBRA CROSSING U SINJAL TAN-NOFS TA' TRIQ**

**3342. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21723 li saret fl-aħħar leġiżlatura u għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20544 li wkoll saret fl-aħħar leġiżlatura, jista' l-Ministru jgħid x'sar issa li għaddiet sena oħra kif ukoll x'fadal isir mill-Kunsill Lokali Sannat biex Triq Sannat, it-triq prinċipali li twassal għal-lokalità ta' Sannat, issir fiha zebra crossing kif ukoll sinjali tan-nofs tat-triq li jifirdu karreġġjata minn oħra?

24/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mil-Kunsill Lokali tas-Sannat illi l-Kunsill għadu qed jistenna li jiġu installati l-belisha light poles u li biex jiġu installati dawn iridu jgħaddu minn ġewwa service culvert ġdid. Rigward is-sinjali tan-nofs, infurmat li dan ma jistax isir qabel ma jsiru z-zebra crossings.

Infurmat li dwar dan il-Kunsill għadu ma jistax jgħid meta se jsiru peress li dan il-proċess irid isir wara x-xogħlijiet tal-proġett tal-Pjazza ikun komplet, peress li d-dwal u s-servizzi jridu jgħaddu flimkien minn din it-triq.

Seduta 42
02/11/2022

**RAĦAL ĠDID - APPARTAMENTI TAL-GVERN ĠODDA**

**3356. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew appartamenti ġodda u huma lesti għall-abitazzjoni bejn is-snin 2014 u 2022 ġewwa Raħal Ġdid? Jista' jindika fejn qegħdin?

25/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi dan il-Gvern imbarka fuq l-akbar proġett ta' akkomodazzjoni soċjali f'dawn l-aħħar 40 sena, b'investiment ta' €130 miljun.

B'referenza għall-mistoqsija tagħha, ninfurmaha illi fil-lokalità ta' Raħal Ġdid fil-perjodu indikat minnha, inbnew 4 appartamenti ġodda.

Seduta 42
02/11/2022

**SANTA LUĊIJA - APPARTAMENTI TAL-GVERN ĠODDA**

**3357. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew appartamenti ġodda u huma lesti għall-abitazzjoni bejn is-snin 2014 u 2022 ġewwa Santa Luċija? Jista' jindika fejn qegħdin?

25/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi dan il-Gvern imbarka fuq l-akbar proġett ta' akkomodazzjoni soċjali f'dawn l-aħħar 40 sena, b'investiment ta' €130 miljun.
B'referenza għall-mistoqsija tagħha, ninfurmaha illi fil-lokalità indikata m'hemmx postijiet li qed jinbnew kif indikat.

Seduta 42
02/11/2022

**IL-GUDJA - APPARTAMENTI TAL-GVERN ĠODDA**

**3358. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew appartamenti ġodda u huma lesti għall-abitazzjoni bejn is-snin 2014 u 2022 ġewwa l-Gudja? Jista' jindika fejn qegħdin?

25/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi dan il-Gvern imbarka fuq l-akbar proġett ta' akkomodazzjoni soċjali f'dawn l-aħħar 40 sena, b'investiment ta' €130 miljun.
B'referenza għall-mistoqsija tagħha, ninfurmaha illi fil-lokalità indikata m'hemmx postijiet li qed jinbnew kif indikat.

Seduta 42
02/11/2022

**ĦAL TARXIEN - APPARTAMENTI TAL-GVERN ĠODDA**

**3359. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew appartamenti ġodda u huma lesti għall-abitazzjoni bejn is-snin 2014 u 2022 ġewwa Ħal Tarxien? Jista' jindika fejn qegħdin?

25/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi dan il-Gvern imbarka fuq l-akbar proġett ta' akkomodazzjoni soċjali f'dawn l-aħħar 40 sena, b'investiment ta' €130 miljun.
B'referenza għall-mistoqsija tagħha, ninfurmaha illi fil-lokalità indikata m'hemmx postijiet li qed jinbnew kif indikat.

Seduta 42
02/11/2022

**IL-FGURA - APPARTAMENTI TAL-GVERN ĠODDA**

**3360. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew appartamenti ġodda u huma lesti għall-abitazzjoni bejn is-snin 2014 u 2022 ġewwa l-Fgura? Jista' jindika fejn qegħdin?

25/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi dan il-Gvern imbarka fuq l-akbar proġett ta' akkomodazzjoni soċjali f'dawn l-aħħar 40 sena, b'investiment ta' €130 miljun.
B'referenza għall-mistoqsija tagħha, ninfurmaha illi fil-lokalità indikata m'hemmx postijiet li qed jinbnew kif indikat.

Seduta 42
02/11/2022

**SANTA LUĊIJA – TRIQ DAWRET IT-TORRI – ŻBIR TA' SIĠAR**

**3363. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li s-siġra li hemm fl-aħħar ta' Triq Dawret it-Torri, Santa Luċija tiġi miżbura sew billi tant kibret li qed tidħol fir-residenzi u qed tiġbed annimali oħra?

25/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija illi s-siġra msemmija ġiet miżbura.
Seduta 42
02/11/2022

**SANTA LUĊIJA – TRIQ DAWRET IT-TORRI – ŻBIR TA' SIĠAR**

**3364. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara li s-siġra li hemm fl-aħħar ta' Triq Dawret it-Torri, Santa Luċija tiġi miżbura sew billi tant kibret li qed tidħol fir-residenzi u qed tiġbed annimali oħra?

25/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li s-siġra ġiet miżbura riċentement mill-Kunsill Lokali.

Seduta 42
02/11/2022

**ANIMAL WELFARE GOZO – PERSUNA ASSENJATA**

**3428. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2811 kollha u jgħid min hu inkarigat mit-taqsima Animal Welfare Gozo u xi grad għandha din il-persuna u ma' liema Ministeru hija assenjata l-istess persuna? Jista' jgħid kif sar il-proċess tal-għażla ta' din il-persuna? Jista' jgħid meta saret is-sejħa pubblika għal din il-kariga? Jista' jgħid kemm mill-ħaddiema li jaħdmu f' din it-taqsima huma fil-grad ta' Animal Welfare Officer?

26/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Niforma lill-Onor. Interpellant li t-taqsima taqa' taħt ir-responsabbilità diretta tad-Direttur EkoGħawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Ninfurmah ukoll li ħarġet sejħa biex jimtela post vakanti ta' Manager 1 fi ħdan l-istess sezzjoni, bil-proċess mistenni jiġi konkluż dalwaqt.
F'din it-taqsima hemm jaħdmu 17-il ħaddiem li joffru fost oħrajn servizz t'ambulanza 24 siegħa, sebat ijiem fil-ġimgħa.

Seduta 42
02/11/2022

**SIĠĠIEWI – TRIQ L-ANDAR - TINDIF**

**3448. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq l-Andar, fis-Siġġiewi, ikollha tindif aktar regolari matul il-ġimgħa?

26/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li bħalissa l-Kunsill qiegħed fil-fażi ta' evalwazzjoni għat-tender tal-knis.

Infurmat ukoll illi l-knis tat-toroq isir bi skeda u l-Kunsill Lokali huwa kommess li jara li din l-iskeda tiġi rispettata.

Seduta 42
02/11/2022

**SIĠĠIEWI – TRIQ IN-NIRIEN - TINDIF**

**3449. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq in-Nirien, fis-Siġġiewi, ikollha tindif aktar regolari matul il-ġimgħa?

26/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li bħalissa l-Kunsill qiegħed fil-fażi ta' evalwazzjoni għat-tender tal-knis.

Infurmat ukoll illi l-knis tat-toroq isir bi skeda u l-Kunsill Lokali huwa kommess li jara li din l-iskeda tiġi rispettata.

Seduta 42
02/11/2022

**ĦAD-DINGLI – GĦASSA TAL-PULIZIJA**

**3470. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kif qiegħda tintuża u x'ħinijiet tinfetaħ l-għassa ta' Ħad-Dingli? Jista' jgħid jekk hux se jsir xi rinovar f'din l-għassa minħabba l-istat li tinsab fiha?

27/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li r-residenti ta' Ħad-Dingli jgawdu mis-servizz ta' Community Policing li wassal għal servizz aħjar tal-Pulizija f'din il-lokalità, b'kollaborazzjoni mal-komunità. Ninsab infurmat ukoll illi l-għassa tal-Pulizija f'Ħad-Dingli hi waħda mill-għasses sekondarji li tinfetaħ skont l-esiġenzi tas-servizz. Ukoll, f'din il-lokalità ssir ronda regolari permezz ta' vetturi tad-distrett u dawk tal-RIU, li bejniethom jilħqu l-ħtiġijiet u s-servizzi operazzjonali kollha tal-pulizija f'din il-lokalità. Dan barra mis-sistema elettronika hemm installata mal-istess għassa, fejn il-pubbliku jista' jaqbad mal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, minn fejn tiġi koordinata kull talba għal kull assistenza, jekk din ma tkunx għaddiet mill-Community Police.

**DIŻABILITÀ SEVERA**

**3471. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tispjega xi tfisser it-terminoloġija 'diżabilità severa'?

27/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-definizzjoni ta' diżabilità hi kif mogħtija fl-Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, Kap. 627 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlet fis-seħħ f'Malta fis-sena 2021, u li hi marbuta ma' dak li tgħid il-Konvenzjoni f'Artiklu 1.

Seduta 42
02/11/2022

**RABAT - BELVEDERE – TRIQ GĦERIEXEM – MANUTENZJONI TAS-SOFT AREAS**

**3472. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jippreżenta x'kuntratt hemm għall-manutenzjoni tas-soft areas fi Triq Għeriexem (Belvedere) u x'azzjoni qiegħda ssir għal meta jispiċċa dan il-kuntratt?

27/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet ta' tisbiħ li saru bħala parti mill-proġett kellu wkoll l-inkarigu li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tas-sit għal perjodu ta' sena. Bħalissa qegħdin jiġu evalwati opportunitajiet oħra dwar kif għandha tibqa' tiġi esegwita din il-manutenzjoni.

Seduta 42
02/11/2022

**PERSUNI HOMELESS – APPLIKAZZJONI GĦAL GĦAJNUNA U POST TAL-HOUSING**

**3473. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk persuna homeless u li m'għandhiex indirizz residenzjali, tistax tapplika għal għajnuna u post tal-Housing?

27/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 42
02/11/2022

**KUNSILLI LOKALI – COMMUNITY WORKERS**

**3474. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx community workers jaħdmu fil-Kunsilli Lokali u jekk iva, f'liema u kemm hemm f'kull kunsill lokali?

27/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-dettalji mitluba jinsabu fit-tabella t'hawn taħt:

| **GĦAWDEX** | |
|---|---|
| **Kunsill Lokali** | **Ammont ta' Impjegati** |
| Rabat (Għ) - Victoria | 5 |
| Għajnsielem | 7 |
| Għarb | 12 |
| Għasri | 6 |
| Kerċem | 11 |
| Munxar | 7 |
| Nadur | 10 |
| Qala | 8 |
| San Lawrenz | 5 |
| Ta' Sannat | 12 |
| Xagħra | 13 |
| Xewkija | 9 |
| Żebbuġ | 6 |
| **Totali** | **111** |
| | |
| **MALTA** | |
| **Kunsill Lokali** | **Ammont ta' Impjegati** |
| Valletta | 4 |
| Birgu | 10 |
| Bormla | 10 |
| Isla | 5 |
| Qormi | 6 |
| Siġġiewi | 2 |
| Żabbar | 8 |
| Żejtun | 4 |
| Balzan | 1 |
| Birkirkara | 12 |
| Birżebbuġa | 6 |
| Dingli | 3 |
| Fgura | 9 |
| Floriana | 3 |
| Għargħur | 2 |

| | |
|---|---|
| Għaxaq | 5 |
| Gudja | 5 |
| Gżira | 4 |
| Ħamrun | 6 |
| L-Iklin | 3 |
| Kalkara | 7 |
| Lija | 3 |
| Luqa | 7 |
| Marsa | 2 |
| Mellieħa | 3 |
| Mosta | 3 |
| Mqabba | 1 |
| Marsaskala | 12 |
| Msida | 6 |
| Marsaxlokk | 9 |
| Paola | 5 |
| Pieta` | 8 |
| Qrendi | 2 |
| Rabat | 3 |
| Safi | 4 |
| San Pawl il-Baħar | 3 |
| Santa Luċija | 6 |
| Santa Venera | 1 |
| Ta' Xbiex | 5 |
| Tarxien | 12 |
| Xgħajra | 9 |
| Żurrieq | 2 |
| Mtarfa | 1 |
| **Total** | **222** |

Seduta 42
02/11/2022

**COMMUNITY WORKERS**

**3475. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jgħid kemm iggradwaw community workers fl-aħħar ħames snin?

27/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 42
02/11/2022

**DOKUMENT: IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT 2022**

**3509. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3192, jista’ l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokument 'It-Twettiq tal-Baġit 2022’?

28/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba diġà saret pubblika fl-aħħar jiem, imma qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dokument.

Seduta 42
02/11/2022

**ADVISORY COST LIMIT GĦAL ĠBIR TA' INFORMAZZJONI**

**3510. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3193, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-advisory cost limit biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba f'din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari numru 18788 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 42
02/11/2022

**ADVISORY COST LIMIT GĦAL ĠBIR TA' INFORMAZZJONI**

**3511. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3194, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-advisory cost limit biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba f'din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari numru 18788 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 42
02/11/2022

**SIĠĠIEWI – TRIQ IT-TABIB NIKOL ZAMMIT – TINDIF**

**3512. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq it-Tabib Nikol Zammit, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

28/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li bħalissa l-Kunsill qiegħed fil-fażi ta' evalwazzjoni għat-tender tal-knis.

Infurmat ukoll illi l-knis tat-toroq isir bi skeda u l-Kunsill Lokali huwa kommess li jara li din l-iskeda tiġi rispettata.

Seduta 42
02/11/2022

**GĦAQDIET VOLONTARJI - SKEMI/GĦOTJIET/GRANTS**

**3524. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tinforma lill-Kamra liema kienu dawk l-iskemi/għotjiet/grants li ġew offruti lill-għaqdiet volontarji minn dan il-Ministeru għall-2021 u għall-2022, b'mod separat u għal kull sena? Kemm kien il-valur allokat (budgeted) għal kull waħda minn dawn l-iskemi b'mod separat għall-2021 u l-2022? Kemm kien il-valur li fil-fatt ġie allokat għal kull waħda minn dawn l-iskemi u lil liema għaqda ġie allokat? Għall-2023, tista' l-Ministru tinforma liema huma dawk l-iskemi/għotjiet/grants li hu ppjanat li jiġu offruti lill-għaqdiet volontarji minn dan il-Ministeru u kemm hu l-valur allokat (budgeted) għal kull waħda minn dawn l-iskemi?

28/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 42
02/11/2022

**GĦAQDIET VOLONTARJI - SKEMI/GĦOTJIET/GRANTS**

**3525. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra liema kienu dawk l-iskemi/għotjiet/grants li ġew offruti lill-għaqdiet volontarji minn dan il-Ministeru għall-2021 u għall-2022, b'mod separat u għal kull sena? Kemm kien il-valur allokat (budgeted) għal kull waħda minn dawn l-iskemi b'mod separat għall-2021 u l-2022? Kemm kien il-valur li fil-fatt ġie allokat għal kull waħda minn dawn l-iskemi u lil liema għaqda ġie allokat? Għall-2023, jista' l-Ministru jinforma liema huma dawk l-iskemi/għotjiet/grants li hu ppjanat li jiġu offruti lill-għaqdiet volontarji minn dan il-Ministeru u kemm hu l-valur allokat (budgeted) għal kull waħda minn dawn l-iskemi?

28/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 42
02/11/2022

**GĦAQDIET VOLONTARJI - SKEMI/GĦOTJIET/GRANTS**

**3526. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra liema kienu dawk l-iskemi/għotjiet/grants li ġew offruti lill-għaqdiet volontarji minn dan il-Ministeru għall-2021 u għall-2022, b'mod separat u għal kull sena? Kemm kien il-valur allokat (budgeted) għal kull waħda minn dawn l-iskemi b'mod separat għall-2021 u l-2022? Kemm kien il-valur li fil-fatt ġie allokat għal kull waħda minn dawn l-iskemi u lil liema għaqda ġie allokat? Għall-2023, jista' l-Ministru jinforma liema huma dawk l-iskemi/għotjiet/grants li hu ppjanat li jiġu offruti lill-għaqdiet volontarji minn dan il-Ministeru u kemm hu l-valur allokat (budgeted) għal kull waħda minn dawn l-iskemi?

28/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru m'għandux tali skemi/għotjiet/grants/.

Seduta 42
02/11/2022

**GĦAQDIET VOLONTARJI - SKEMI/GĦOTJIET/GRANTS**

**3527. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra liema kienu dawk l-iskemi/għotjiet/grants li ġew offruti lill-għaqdiet volontarji minn dan il-Ministeru għall-2021 u għall-2022, b'mod separat u għal kull sena? Kemm kien il-valur allokat (budgeted) għal kull waħda minn dawn l-iskemi b'mod separat għall-2021 u l-2022? Kemm kien il-valur li fil-fatt ġie allokat għal kull waħda minn dawn l-iskemi u lil liema għaqda ġie allokat? Għall-2023, jista' l-Ministru jinforma liema huma dawk l-iskemi/għotjiet/grants li hu ppjanat li jiġu offruti lill-għaqdiet volontarji minn dan il-Ministeru u kemm hu l-valur allokat (budgeted) għal kull waħda minn dawn l-iskemi?

28/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 42
02/11/2022

**NAXXAR – DISABILITY HUB**

**3528. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar jekk id-disability hub fin-Naxxar, li suppost kellu jinfetaħ matul din is-sena, hux se jkun qed jinbena? Jekk iva, meta hu ppjanat li jitlesta x-xogħol fuq l-istess hub u meta hu mistenni li dan jibda jintuża? Jekk le, x'miżuri ħa jew se jieħu l-Gvern biex is-servizzi li kienu se jingħataw mill-istess hub xorta waħda jingħataw? Kemm kienu l-fondi allokati għal din il-binja fil-Baġit għal kull waħda mis-snin 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023?

28/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qiegħda tinġabar, għaldaqstant it-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 42
02/11/2022

**SKEMI GĦAL GĦAQDIET VOLONTARJI TAL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**3529. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk id-dipartimenti/awtoritajiet li jaqgħu taħtu, fil-fatt għandhomx skemi partikolari li permezz tagħhom jistgħu jibbenefikaw għaqdiet volontarji li jieħdu ħsieb persuni b'diżabilità? Jekk iva, liema huma, u liema għaqdiet ibbenefikaw matul l-2021 u l-2022 u kemm ġew allokati fondi għal kull waħda minn dawn is-snin? Jista' l-Ministru jgħid jekk għall-2023 hux ser ikun hemm skemi partikolari li permezz tagħhom jistgħu jibbenefikaw għaqdiet volontarji li jieħdu ħsieb persuni b'diżabilità u kemm huma l-fondi allokati?

28/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi l-mistoqsija parlamentari tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 42
02/11/2022